Fondi tal-UE ghal Malta 2014-2020

SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-FONDI EWROPEJ U D-DJALOGU SOĊJALI

**_Il-Gozo Action Group Foundation qiegħda toħroġ is- sejħa għall-Miżura 3 – GAG 3 - 'Attrazzjonijiet Għawdxin u Avvenimenti Innovattivi għall-istaġuni kollha'_**
**taħt il-programm LEADER 2014-2020**

Il-Fondazzjoni *Gozo Action Group Foundation* (GAGF) tħabbar li ħarġet is-sejħa għall-proposti, għall-miżura 3 taħt il-programm LEADER 2014 - 2020. Din l-Azzjoni tifforma parti mill-istrateġija għall-iżvilupp Lokali ta'Għawdex u Kemmuna.

Din il-miżura tipprovdi opportunitajiet ta' investiment f'infrastruttura u f'avvenimenti innovattivi li jsaħħu b'mod kumplimentari l-offerta tat-turiżmu f'Għawdex sabiex ittejjeb il-prestazzjoni matul l-istaġuni kollha, b'mod sostenibbli. Għal din is-sejħa, ġew allokati total ta' **€445,770 ta' fondi pubbliċi.**

L-applikanti għandhom jinkludu sħubija bejn operaturi tan-negozju b'interess dirett fit-turiżmu u/jew il-korpi tar-rappreżentanti tagħhom, Kunsilli Lokali u/jew entitajiet ta' governanza pubblika b'interess dirett fir-reġjun ta' Għawdex, u *NGO*s.

Minħabba s-sospensjoni ta' avvenimenti organizzati minħabba l-marda infettiva COVID-19, sessjoni ta' informazzjoni se tittella' fuq il-websajt u fuq il-paġna ta' *Facebook* tal-*Gozo Action Group Foundation* fit-30 ta' Marzu, 2020.

Din is-sejħa tiftaħ nhar l-Erbgħa, 1 t'April, 2020. L-ewwel sett ta' applikazzjonijiet jintlaqa' sal-Ħamis, 30 ta' April, 2020 f'nofsinhar. Kull kjarifika mill-applikanti għall-ewwel sett ta' applikazzjonijiet, għanda tasal għand il-GAGF sa mhux iktar tard mil-Ħamis, 23 ta' April, 2020.

Soġġett għad-disponibbilità tal-fondi, skadenza oħra ta' blokk se tiftaħ għal xahar ieħor għal total ta' 4 (erbgħa) lottijiet. L-iskadenzi għal dawn il-blokki se jiġu aġġornata fuq il-websajt www.leadergozo.eu. L-aħħar skadenza hija tat-30 ta' Lulju, 2020, dejjem soġġetta għad-disponibblità ta' fondi.

Il-*Gozo Action Group Foundation* se toħroġ aġġornamenti regolari dwar kif l-applikazzjonijiet se jintleqew minħabba l-marda tal-infezzjoni COVID-19. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb billi ċċempel fuq 2155 0322 jew b'email info@leadergozo.eu. Applikazzjoni u linji ta' gwida jistgħu jitniżżlu minn: www.leadergozo.eu.

**Applikazzjonijiet li jiġu sottomessi tard ma jiġux aċċettati.**

**Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014–2020**

LEADER
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)
Rata ta' Ko-finanzjament:
75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta' Malta

**Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali**
***L-Ewropa Tinvesti f'Żoni Rurali***